MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta’ Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 251/2017/1 LM

**Zejt Marine Services Limited (C51246)**
(“is-soċjetà appellata”)

***vs*.**

**BNF Bank p.l.c. (C 41030) ġia Banif Bank (Malta) p.l.c.**
*(“il-Bank appellant”)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **BNF Bank p.l.c. (C 41030) ġià Banif Bank (Malta) p.l.c.** [minn issa ’l quddiem “il-Bank appellant”],

mis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Frar, 2020, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti **Zejt Marine Services Ltd (C 51246)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellata"] kif ġej:

> *"Għal raġunijiet fuq esposti, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni, tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-bank konvenut u tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi fis-sens li tordna lil bank konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' USD 15,154.19c li għandha tiġi konvertita f'ammont ekwivalenti ta' Euro bir-rata ta' kambju skont il-* middle rates *maħruġa mill-*European Central Bank *u ppubblikata mill-Bank Ċentrali ta' Malta fid-data tat-18 ta' April 2017 bl-imgħax legali mid-19 ta' April 2017 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kollha kontra l-bank konvenut."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pagament ta' USD15,154.19 li sar lil terz benefiċjarju mill-Bank appellant skont l-istruzzjonijiet tas-soċjetà appellata mogħtija fit-18 t'April, 2017. L-għada d-19 t'April, 2017, is-soċjetà appellata kienet tat struzzjonijiet lill-istess Bank appellant sabiex jitwaqqaf dan il-pagament għaliex allegatament kien hemm qerq da parti tat-terz benefiċjarju. Iżda kif sussegwentement ġiet mgħarrfa mill-Bank appellant fit-18 ta' Mejju, 2019, ma kien hemm l-ebda flus fil-kont ta' dak il-benefiċjarju.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellata istitwiet il-proċeduri odjerni quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fl-4 ta' Settembru, 2017, fejn ħarrket lis-soċjetà appellanta sabiex tħallas:

> *"...is-somma ta' USD15,154.19 li maħduma bir-rata tal-kambju, USD1 huwa ekwivalenti għal €0.8389, tammonta għal €12,713.73 jew somma oħra verjuri skont ir-rata tal-kambju applikabbli fid-data tas-sentenza, liema somma tirrappreżenta danni sofferti mis-soċjetà attriċi meta l-bank konvenut, għalkemm fid-19 t'April 2017 kien avżat li kellu jwaqqaf pagament, ammontanti għal USD15,154.19, li kien ittieħed b'qerq minghand is-soċjetà attriċi fit-18 t'April 2017, u għalkemm l-istess bank konvenut kien saħansitra kkonferma li kien hemm żmien biżżejjed sabiex iwaqqaf l-istess pagament, xorta waħda l-bank konvenut naqas li jeserċita d-diliġenza rikjesta sabiex iwaqqaf l-istess pagament, bil-konsegwenza li s-soċjetà attriċi sofriet danni ammontanti għal USD15,154.19 għal liema danni l-bank konvenut huwa responsabbli.*
>
> *Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali mid-19 t'April 2017 sal-pagament effettiv kontra s-soċjetà konvenuta li r-rappreżentanti legali tagħha jibqgħu nġunti għas-subizzjoni."*

4. Il-Bank appellant wieġeb fil-11 ta' Diċembru, 2017, fejn filwaqt li irrespinġa bil-qawwa l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellata, eċċepixxa li tali pretensjonijiet kienu infondati fil-fatt u wkoll fid-dritt. Eċċepixxa wkoll li huwa bl-ebda mod ma kien responsabbli għal xi danni li s-soċjetà appellata setgħet sofriet. Il-Bank appellant spjega li min-naħa tagħha huwa kien eżerċita d-diliġenza rikjesta fil-liġi sabiex iwaqqaf il-pagament inkwistjoni u qatt ma ggarantixxa r-rifużjoni tal-flus.

**Is-Sentenza Appellata**

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***Ikkunsidrat***
>
> *Mit-trattazzjoni magħmula, il-legali tas-soċjetà attriċi għamel referenza għall-fatt li din il-kawża hija msejsa fuq l-istitut tal-mandat. Hekk kif ġie spjegat fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 2018 fl-ismijiet Primitive African Art Limited kontra Henri Baudet et:*
>
> > *Il-mandat huwa regolat bl-Art 1856 sa 1890 tal-Kodiċi Ċivili.*
> >
> > *Il-mandat huwa kuntratt fejn persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha.*
> >
> > *Il-mandat jista' jkun speċjali, jekk jingħata għal ħaġa waħda jew għal xi ħwejjeġ determinati biss, jew ġenerali, jekk jingħata għall-affarijiet kollha.*
> >
> > *L-Art 1856 tal-Kap 16 jgħid :-*
> >
> > (1) Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha.
> > (2) Il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaċċettax il-mandat.
> >
> > *L-Art 1857 tal-Kap 16 jaqra illi :-*
> >
> > (1) Il-mandat għandu jkollu bħala skop tiegħu ħaġa leċita li min jagħti l-mandat seta' jagħmel huwa nnifsu.
> > (2) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament.
> > (3) Mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija kif speċifikat fl-artikolu 1887(1) għandu jingħata bil-mitkub taħt piena ta' nullità.
> >
> > *L-Art 1858 tal-Kap 16 jgħid illi l-aċċettazzjoni tal-mandatarju tista' wkoll tkun taċita u tista' tidher mill-fatt.*

*Fl-Art 1861 tal-Kap 16 jingħad illi l-mandat hu bla ħlas jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju.*

*Imbagħad l-Art 1862 tal-Kap 16 jgħid :-*

Il-mandat huwa speċjali, jekk jingħata għal ħaġa waħda jew għal xi ħwejjeġ determinati, biss; jew ġenerali, jekk jingħata għall-affarijiet kollha tal-mandat.

Skont l-Art 1863 tal-Kap 16,

(1) Fil-mandat mogħti bi kliem ġenerali, jidħlu biss l-atti ta` amministrazzjoni.
(2) Is-setgħa sabiex isiru trasferimenti ta' beni, minbarra dawk it-trasferimenti li jaqgħu fil-limiti tal-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni jew sabiex isiru atti oħra ta' proprjetà, għandha tkun espressa.

*Fl-Art 1864 tal-Kap 16, jingħad illi l-mandatarju ma jista' jagħmel xejn li joħroġ mil-limiti tal-mandat.*

*Fl-Art 1868 tal-Kap 16, insibu li meta persuna tiġi mqabbda biex tagħmel ħaġa fil-kors ordinarju tal-professjoni jew xogħol tagħha, mingħajr ma jiġu espressament limitati s-setgħat tagħha, jitqies li lil din il-persuna ingħatat is-setgħa li tagħmel dak kollu li jidhrilha meħtieġ għall-esekuzzjoni tal-mandat, u li, skont ix-xorta tal-professjoni jew tax-xogħol hawn fuq imsemmijin, jista` jiġi magħmul minnha.*

*Skont l-Art 1873 tal-Kap 16, il-mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa' inkarigat, u fil-każ ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet.*

*Huwa wkoll obbligat li jispiċċa l-affari li jkun beda qabel il-mewt tal-mandant, jekk id-dewmien jista' jkun ta' ħsara.*

*L-Art 1874 tal-Kap 16 jgħid :-*

(1) Il-mandatarju jwieġeb mhux biss għall-għemil doluż, iżda wkoll għal negliġenza fl-esekuzzjoni tal-mandat.

(2) Iżda, din ir-responsabbiltà, kwantu għan-negliġenza għandha titqies b'mod anqas sever fil-każ ta' dak li l-mandat tiegħu jkun bla ħlas, milli fil-każ ta' dak li l-mandat tiegħu jkun bil-ħlas.

*Fl-Art 1878 tal-Kap 16, jingħad illi l-mandatarju għandu jagħti l-imgħaxijiet tas-somom illi, mingħajr is-setgħa tal-mandant, ikun inqeda bihom għall-użu tiegħu nnifsu, minn dakinhar li jkun hekk inqeda bihom, u ta' kull somma oħra li tagħha jkun baqa' debitur lejn il-mandant, minn dakinhar li jkun ġie mqiegħed in mora, bla ħsara, fiż-żewg każijiet hawn fuq imsemmija, tal-użi tal-kummerċ.*

*L-Art 1880 tal-Kap 16 jgħid :-*

(1) Il-mandant għandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkuntratta skont is-setgħat li huwa jkun tah.
(2) Hu mhux obbligat għal dak li l-mandatarju jkun ghamel barra mil-limiti ta' dawk is-setgħat, ħlief jekk hu jkun irratifika espressament jew taċitament dak l-egħmil.

*Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Lulju 2004 fil-kawża fl-ismijiet "Raymond Caruana noe vs Il-Ministru tal-Ambjent et" saret referenza għad-deċiżjoni li kienet tat il-Qorti tal-Kummerċ fis-17 ta' Marzu 1936 (u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Diċembru, 1936) fil-kawża "Vassallo noe vs Ebejer" fejn ingħad illi* l-mandante non è obbligato per quello che il mandatario avesse fatto oltre tali facoltà, se ciò non è stato espressamente o tacitamente ratificato. La ragione di tale disposizione è chiara e evidente: manca il consenso del mandante per tutto ciò che il mandatario compie eccedendo i limiti del mandato; onde tali atti si considerano come non avvenuti riguardo al mandante; essi non gli giovano ne lo pregiudicano; sono *res inter alios acta*".

Kompla jingħad hekk:-

" … peress illi n-nullità hija assoluta, u l-att huwa totalment ineżistenti, il-mandant jista' jiddiskonoxxi dak l-att u lanqas jagixxi bl-azzjoni tan-nullità, ammenokké bħal dan il-każ, ma jkollux interess illi l-mandatarju jkun kundannat ghall-effetti tan-nullità, u f'dan il-każ l-azzjoni tan-nullità hija diretta mhux biex il-Qorti tiddikjara illi dak il-bejgħ jiġi annullat, imma biex tiddikjara, ossija tikkonstata, illi dak l-att huwa totalment ineżistenti u null di fronti għall-mandant *ab initio*, u qatt ma eżista. U għalhekk ma jistax jeżisti qatt di fronti għall-kontraent l-ieħor, anki jekk dan kien *in buona fede* għaliex *quod nullum est, nullum producit effectum*".

Fl-istess sens hija d-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Debono vs Matthews", deċiża fl-24 ta' Ottubru, 1966."

*Fid-Digesto Italiano (Mandato Civile - Vol. XV pte.I para.170 pag. 424) Angelo Olivieri jfisser l-obbligi tal-mandatarju bil-mod segwenti:*

"In primo è tenuto il mandatario a eseguire totalmente il mandato, nel modo voluto dal mandante con la diligenza di un buon padre di famiglia. In secondo è obbligato, nel compiere il mandato affidatogli, a non eccederne i limiti. In terzo deve eseguire il mandato personalmente, potendo solo in determinati casi sostituire a se altri. In ultimo, obbligo suo è quello di dare al mandante il conto della tenuta gestione, corrispondendo tutto ciò che ha percepito in forza del mandato."

*Dwar il-mod tal-esekuzzjoni tal-mandat, l-istess awtur ikompli jispjega fil-para.174, pag.425, illi:-*

"Il mandatario deve inoltre scupolosamente compiere l'affare nel modo espressamente o tacitamente prescritto dal mandante, e non a suo arbitrio. La forma, consistente nel complesso degli elementi intrinseci del mandato, espressamente fermata dal mandante, traccia e indica la via che il mandatario deve seguire e dalla quale non può menomanente discostarsi. E va escluso al riguardo ogni abitrio del mandatario, poiché, anche se il mandante non ha espresso il modo come il mandato deve esser eseguito, deve il madatario strettamente attenersi agli usi e alle consuetudini rigurdanti il modo di espletare esso affare, ai quali si presume che il mandante tacitamente si rimise, e che esso volle dal mandatario rispettati".

*.....Dwar l-obbligu tal-mandatarju li jagħti kont ta' dak li jkun għamel f'isem il-mandant, jingħad fil-para. 200, paġ 433, illi:-*

"E` in fine il mandatario obbligato di rendere conto del proprio operato, e corrispondere al mandante tutto quello che ha ricevuto in forza del mandato, quantunque non fosse dovuto al mandante.

Essenziale al mandato si è tale obbligo, fondato su principi di moralità e giustizia, dappoiche chiunque amministra le cose altrui è tenuto a darne conto e per assodare l'espletamento dell'obbligi assunto, e per accettare le possibili responsabilità incorse. Compie un affare per conto del mandante, il mandatario, onde non può esimersi dal renderne, eseguitolo, esatto conto al

mandante e nell'interesse di questo e nel proprio, importandogli, onestamente espletata la tenuta gestione, provare con un conto leale ed esatto, ciò che deve o gli si deve."

*Ladarba l-kawża attriċi saret abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kodici Ċivili dwar il-mandat, l-eżami li ser tagħmel il-Qorti huwa dwar il-persuna tal-bank mandatarju u dak li kellu jagħmel in vista tal-mandat li kellu. Il-kuntratt ta' mandat b'rappreżentanza joħloq relazzjoni ta' fiduċja li ġġib magħha drittijiet u obbligazzjonijiet bejn il-mandant u l-mandatarju. Bħal kull obbligazzjoni oħra, l-obbligazzjoni li kellu l-bank konvenut bħala mandatarju kien li jwettaq l-inkariku tiegħu* in bona fide *u fl-interess ta' ħadd ħlief tal-mandant tiegħu, ossija s-soċjetà attriċi.*

***Ikkunsidrat***

*Fil-każ odjern, jirriżulta b'mod evidenti li l-*value date *ta' din it-transazzjoni li għamlet is-soċjetà attrici kienet dik tal-20 ta' April 2017. Il-Qorti qieset li kien hemm operazzjonijiet li kellhom bħala* value date *l-istess data tal-*operation date*, b'mod partikolari dawk it-transazzjonijiet li kienu jirrigwardaw miżati ta'* outward fees *jew* recall of fund*. Il-Qorti qieset ukoll li mill-istess Dok A jirriżulta li l-*value date *ġieli kienet tvarja bejn ġurnata għal jumejn. In fatti, fl-istess dokument* operation no 6733155 *kellha* operation date *ta' 9 ta' Marzu 2017 u* value date *ta' 10 ta' Marzu 2017. Ir-rappreżentanti tal-bank xehdu fis-sens li* value date *hija d-data sa meta semmai seta' jasal il-pagament u li t-transazzjoni tiġi pproċessata mill-*operation date*.*

*Ġie sostnut li din it-transazzjoni kienet* spot payment *jew* same day payment*. Din il-Qorti qieset dan l-argument iżda mill-istess Dok A jidher li għall-*operation no 6733155 *kien hemm f'waħda mill-*entries *id-deskrizzjoni miktuba bħala* same day payment order outwards fees*. Fir-rigward tat-transazzjoni in eżami ossija dik bl-operation no 6848784 kulma ġie mniżżel kien* payment order outwards fees *u tnaqqset somma ta' USD 12.77 u mhux somma ta' kważi doppju l-ammont u ċioé ta' USD 26.75. Il-Bank konvenut ma ressaqx provi sodisfacenti li jikkonvinċu lill-Qorti li dan il-pagament kien ġie attwat fit-18 ta' April 2017 u mhux fil-*value date *u ċioé fl-20 ta' April 2017. Ir-rappreżentant tas-soċjetà attrici nsista li meta affettwa t-*transaction *huwa għamel li din kellha tgħaddi fl-20 ta' April 2017.*

*Il-Qorti fliet ukoll il-korrispondenza li ġiet skambjata bejn is-soċjetà attriċi u t-terza persuna u jidher li l-pagament kien għadda fit-22 ta' April 2017 peress li skont l-email eżebit bħala Dok K, jidher li dakinhar* received your payment amounting 15k

in our account. *In fatti, fid-19 ta' April 2017, l-istess terza persuna bagħtet email lis-socjetà attrici fis-sens li* altho due to the remittance slip you sent to us yesterday the status of payment was showing PENDING BY BANK. So i think you help confirm from your bank if bank has trasnfered the payment to our side already. Also has the payment been deducted from your account? We would also like to know. *Kif ukoll f'email tal-20 ta' April 2017, it-terza persuna bagħtet email lis-socjetà attrici fejn qalet* Please be aware till now payment still have not arrived in our account. We should like to know if you have already been debitted and also kindly help check with your bank if the payment was already sent out to our account or not.

*Għaldaqstant, meta nġibdet l-attenzjoni tal-bank konvenut fid-19 ta' April 2017, lanqas kienet għadha ma għaddiet il-*value date *u l-flus kienu għadhom ma waslux fil-*beneficiary bank*.*

*Il-Qorti tqis li l-ewwel* SWIFT message *intbagħat lil Banco Santander dwar dan ir-*recall of funds *fid-19 ta' April 2017 fi 17:27:34. Dan is-*SWIFT message *intbagħat diversi sigħat wara li ġiet skambjata telefonata bejn rappreżentant tas-soċjetà attriċi u rappreżentanta tal-bank konvenut u wara li ntbagħat email ukoll mir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi fid-19 ta' April 2017 fi 14.31. Irriżulta li dan l-email ġie rispost minn Diane Attard għan-nom tal-bank konvenut dakinhar stess fil-16.15 fejn intqal li* payment has been recalled*.* Recall fee has been debited to the account. *Jirriżulta wkoll li Diane Attard fi 19 ta' April 2017 fi 14.02 infurmat lil impjegati tal-bank konvenut biex isir ir-*recall *u imbagħad reġgħet bagħtet email ieħor lill-istess impjegati tal-bank konvenuti 14:41, liema email ġie mwieġeb fid-19 ta' April 2017 fi 16:14 fejn intqal* recall of funds requested and customer charged accordingly*.*

*It-tieni* SWIFT message *lil Banco Santander intbagħat fl-24 ta' April 2017 fi 17:34:06. It-tielet* SWIFT message *lil Banco Santander intbagħat fis-26 ta' April 2017 fi 9:46:15. Kien imbagħad fis-27 ta' April 2017 fi 11:16:36 li Banco Santander bagħat* SWIFT message *lil bank konvenut fejn informah li* pls be advised we have contacted BBK requesting the return of funds. We will inform you upon their replay.

*Fid-9 ta' Mejju 2017 fi 15:41:30, intbagħat ir-raba'* SWIFT message *lil Banco Santandar. Fil-11 ta' Mejju 2017 fi 7:32:10 Banco Santandar reġa' bagħat* SWIFT message *lil bank konvenut fejn qal li* concerning your request please note that s we still did not get any reply from BBK today we sent them another request to return

funds and we will inform you upon their replay. *Fis-17 ta' Mejju 2017 fi 10:18:58, Banco Santander bagħat* SWIFT message *lil bank konvenut fejn infurmah li* pls be advised no funds available, so we are not able to comply with yr request.....we suggest you to contact directly BBK in order to settle this case. We close our files.

*Minn din il-kronologija ta' fatti, din il-Qorti qieset li l-bank konvenut bagħat l-ewwel* SWIFT message *lil Banco Santandar fid-19 ta' April 2017 imma sigħat wara li kien intalab li jsir ir-*recall *u f'ħin tardiv meta l-banek jkunu ġià għalqu n-negozju tagħhom tal-gurnata. Is-*SWIFT messages *l-oħra kollha ntbagtu fiż-żmien wara li l-flus kienu ġià għaddew lil beneficiary bank. Tant hu hekk li f'email intern bejn impjegati tal-bank konvenut mibgħut fl-24 ta' April 2017, Nadine Azzopardi rrakkomandat li jintbagħat* urgent reminder *peress li* customer is extremely worried given that hackers advised them that funds were received*. Jidher ukoll li s-*SWIFT messages *ma kinux qed jintbagħtu kontinwament sabiex l-urġenza ta' din il-kwistjoni tiġi notata.*

*Irriżulta wkoll li l-bank konvenut apparti li ċċarġja r-*recall fee *u bagħat dawn* is-SWIFT messages *lil Banco Santander, qatt ma bagħat xi emails jew b'xi mod ipprova jikkuntattja lil* beneficiary bank*. Saret insistenza li l-bank konvenut seta' biss jimxi* ai termini *tal-prassi bankarja u ċioé li jibgħat dawn il-messaġġi siguri. In fatti, intqal li l-bank ma setax jikkomunika mal-*beneficiary bank *u lanqas ma seta' jċempel jew jibgħat email ordinarju lil* beneficiary bank *jew lil* correspondent bank*. Madanakollu, mir-risposta mogħtija mill-istess* correspondent bank*, jirriżulta li l-istess* correspondent bank *irrakkomanda li l-bank konvenut jkellem lil* beneficiary bank *hu stess direttament biex isolvi din il-kwistjoni.*

*Il-bank konvenut argumenta li s-socjetà attriċi hija responsabbli għal dak li seħħ peress li kien messha indunat li kien hemm xi ħaġa irregolari għaddeja in vista tal-multipliċità ta' emails li kienu qed jintbagħtu lilha għal ħlas kif ukoll in vista tal-fatt li d-dettalji tal-bank fejn kellu jsir il-pagament kienu diversi mid-dettalji tas-soltu. Il-Qorti ma tqisx li dan l-argument huwa wieħed fondat. Il-mument li s-soċjetà attriċi ndunat, hija ħadet il-miżuri kollha neċessarji biex tinforma lil bank konvenut biex jieħu azzjoni għal irkupru tal-flejjes. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, il-bank ma eżerċitax d-diliġenza rikjesta sabiex iwaqqaf dan il-pagament u għalhekk għandu jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjetà attriċi.*

## L-Appell

6. Il-Bank appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-9 ta' Marzu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà appellata. Jistqarr li l-aggravji prinċipali tiegħu huma li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u applikat il-liġi ħażin. Jgħid li l-aggravji tiegħu jikkonsistu fis-segwenti: (a) kuntrarjament għal dak deċiż, il-mandat kien ġie eżegwit b'mod diliġenti; u (b) is-soċjetà appellata kienet hija stess responsabbli għad-danni sofferti minnha.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Is-soċjetà appellata tilqa' billi tissottometti li s-sentenza appellata hija ġusta u għalhekk timmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li tfisser fir-risposta tagħha.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-Bank appellant, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

9. Il-Bank appellant jiftaħ is-sottomissjonijiet tiegħu billi josserva li l-ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istitut tal-mandat. L-ewwel Qorti sostniet li ġaladarba l-Bank appellant kien intalab sabiex jagħmel *recall*, huwa kien obbligat li jeżerċita d-diliġenza neċessarja sabiex jirkupra l-ammont relattiv, anki billi jċempel jew jibgħat *email* lil *Wells Fargo Bank*. Skont l-ewwel Qorti, is-soċjetà appellata ma kellha terfa' l-ebda responsabbiltà għall-akkadut għaliex kien biżżejjed li hija tinforma lill-Bank appellant bl-akkadut. Is-soċjetà appellata kienet tat lill-Bank appellant żewġ mandati, wieħed minnhom fit-18 ta' April, 2017, sabiex jittrasferixxi l-ammont ta' USD15,154.19 lil Kraiem Walid, liema mandat ġie eżegwit, u l-ieħor konsistenti f'*recall request* li ġie eżegwit iktar minn erba' u għoxrin siegħa wara, fejn intalab sabiex dik is-somma tiġi ritornata lura stante suspett ta' frodi da parti tal-benefiċjarju. Il-Bank appellant aġixxa fuq l-istruzzjonijiet tat-tieni mandat, iżda qatt ma ta garanzija li tali *recall* kellha tirnexxi peress li din kienet tiddependi minn fatturi lil hinn mill-kontroll tiegħu u s-soċjetà appellata kienet taf sew b'dan il-fatt. Ix-xhieda ta' Joseph Zammit in kontroeżami kienet prova ta' dan u għalhekk jirriżulta li l-mandat maqbul bejn il-partijiet kien ferm aktar limitat. Iżda kemm is-soċjetà appellata u anki l-ewwel Qorti jisħqu li l-Bank appellant apparti li kellu jibgħat messaġġi tramite s-sistema tas-*SWIFT,* li hija sistema sigura li tintuża mill-banek sabiex jikkomunikaw bejniethom, kellu jċempel jew jibgħat *email* dirett lil *Wells Fargo Bank*. Xhieda tan-nuqqas ta' sigurezza ta' dawn il-mezzi kien proprju dak li ġara lil Kraiem Walid fejn l-*email* tiegħu kienet ġiet *hacked*. Għalhekk kien ferm inġust li Bank appellant instab li kien negliġenti għaliex għażel sistema aktar sigura ta' komunikazzjoni. Il-Bank appellant jissottometti li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza li huwa qabel

xejn kien kostrett li jikkomunika mal-*correspondent bank,* għaliex wara kollox kien dan il-bank li ttrasferixxa l-flejjes. Il-Bank appellant isostni illi jekk wieħed iqis il-prassi bankarja u l-proċess ta' kif jiġu trasferiti l-pagamenti, jirriżulta li l-Bank appellant kien mexa b'mod diliġenti bħal *bonus paterfamilias* u bl-aħjar mod possibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Skont il-Bank appellant, kellu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni l-fatt li sabiex jintraddu lura l-flejjes, il-*Wells Fargo Bank* ma kienx ser jipproċedi mingħajr il-kunsens tal-benefiċjarju relattiv, liema kunsens ma ngħatax u l-flejjes ġew żbankati. B'hekk meħud dan kollu inkonsiderazzjoni, il-Bank appellant kien eżegwixxa l-mandat fl-intier tiegħu b'mod diliġenti u skont il-prassi bankarja. Il-Bank appellant jinsisti li s-soċjetà appellata hija responsabbli għad-danni sofferti minnha stess b'riżultat tan-negliġenza tagħha. Iżda dan ma kienx ġie kkunsidrat mill-ewwel Qorti. Il-Bank appellant isemmi dak li jsejjaħ diversi *"red flags"* li ġew injorati mis-soċjetà appellata u/jew l-impjegati tagħha, fosthom it-tibdil fid-dettalji tal-kont fejn is-soltu jsir il-pagament u l-bidla fl-atteġġjament ta' Kraeim Walid. Minkejja dawn l-indikaturi, is-soċjetà appellata għaddiet sabiex talbet it-trasferiment tal-flejjes minflok ma kkomunikat permezz ta' telefonata mal-istess Kraeim Walid. Kien biss meta dan baqa' jinsisti fuq il-ħlas, li mis-soċjetà appellata ċemplulu u saru jafu li l-*email* tiegħu kien ġie *hacked.* L-ewwel Qorti naqset ukoll li tikkunsidra li kienu għaddew saħansitra diversi sigħat meta s-soċjetà appellata ddeċidiet tagħti struzzjonijiet bil-miktub lill-Bank appellant dwar *recall.* Jissottometti li ċertament dan id-dewmien ma għenx is-sitwazzjoni. Jissottometti wkoll li s-soċjetà appellata m'għamlet xejn sabiex timmitiga d-danni meta dan kien obbligu tagħha u hija kienet saħansitra f'pożizzjoni li tagħmel dan. Il-Bank appellant jispjega li fit-18 ta' April, 2017, u fil-ġranet ta'

wara, is-soċjetà appellata kienet f'kuntatt mal-*hacker* relattiv, iżda għal xi raġuni ma involvietx lill-Pulizija u kien biss xahar wara li ddeċidiet li tagħmel rapport. Fl-aħħar nett il-Bank appellant jissottometti li s-sentenza appellata kienet ser toħloq preċedent inġust u perikoluz fuq il-banek kollha u kull entità oħra li toffri servizz simili, jekk tiġi kkonfermata minn din il-Qorti, għaliex kien ser ikollhom jirrifondu minn bwiethom lil dawk il-klijenti li għamlu trasferiment ta' flus b'mod negliġenti.

10. Is-soċjetà appellata wieġbet billi kkontestat il-fatti kif fissirhom il-Bank appellant u għaddiet sabiex elenkat diversi fatti oħra li fil-fehma tagħha kienu importanti ferm għall-każ odjern u kienu jagħtu l-istampa sħiħa ta' dak kollu li ġara. Tikkontendi li l-aggravji tal-Bank appellant kienu jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi u għalhekk dawn kellhom jiġu miċħuda fid-dawl tal-ġurisprudenza paċifika li qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid. Minkejja dan, is-soċjetà appellata xtaqet tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tal-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta. Tibda billi tgħid li ma jidhirx li kien kontestat il-fatt li l-liġi applikabbli fil-każ odjern kienet l-istitut tal-mandat. Tissottometti li l-ewwel struzzjonijiet hija kienet tathom lill-Bank appellant fit-18 t'April, 2017, b'*value date* tal-20 t'April, 2017, u l-istess Bank appellant ma ressaq l-ebda prova sabiex juri li meta saret ir-*recall,* il-flus kienu diġà telqu mingħandha. Barra minn hekk il-Bank appellant qatt ma informa lis-soċjetà appellata li r-*recall* ma kinitx tiddependi fuqu, anzi kien saħansitra qalilha "serraħ moħħok". B'hekk is-soċjetà appellata ma setgħet tieħu l-ebda azzjoni, forsi wkoll billi tipprova tagħmel kuntatt mal-bank barrani. Tirrileva li ġaladarba l-Bank appellant

tħallas għall-mandat mogħti lilu, kienu applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1874 tal-Kap. 16, u moqrija a *contrario sensu,* il-Bank appellant kellu jwieġeb għan-negliġenza tiegħu b'mod aktar sever. Minn hawnhekk is-soċjetà appellata tgħaddi sabiex telenka d-diversi allegati nuqqasijiet tal-Bank appellant meta dan ġie mitlub li jagħmel *recall.* Tgħid li dan ma kien għamel xejn għajr bagħat *telex* lil bank barrani, imma dan kien tliet sigħat wara li hija kienet talbet ir-*recall* fil-ħin tal-17:27 "after close of business hours", daqslikieku l-istruzzjonijiet intbagħtu l-għada. Dawn l-istruzzjonijiet ma kinux idoneji, tant hu hekk il-Bank appellant ma kienx irnexxielu jagħmel ir-*recall.* Huwa qabad u ħasel idejh permezz tal-istruzzjonijiet li bagħat lill-bank korrispondent tiegħu, kontra l-prinċipju *delegatus non potest delegare* u hawnhekk is-soċjetà appellata tirrileva li r-relazzjoni tagħha kienet mal-Bank appellant u mhux mal-bank korrispondent tiegħu. Il-Bank appellant għalkemm insista li l-pagament kien *"non-SEPA payment",* ma ġab l-ebda prova in sostenn ta' dan. Anzi, tgħid is-soċjetà appellata, l-argumenti tiegħu sabiex jeħles mir-responsabbiltà fejn qal li uża mezz ta' komunikazzjoni idoneju, kienu mill-aktar debboli u xejn konvinċenti.

11. Għal dak li kien jirrigwarda t-tieni aggravju, is-soċjetà appellata tissottometti li minkejja li hija kienet il-vittma ta' frodi, bl-ebda mod ma kienet negliġenti meta ħallset dak dovut. Tirrileva li hekk kif issuspettat li kien hemm xi ħaġa stramba meta rċeviet diversi *emails* anki wara li kienet għamlet il-pagament, hija kienet qabdet permezz tat-telefon, kif il-Bank appellant baqa' m'għamilx, biex ivverifikat dak li kien ġara. Għalhekk kienet in-negliġenza tal-Bank appellant li wasslet sabiex jintilfu l-flus.

12. Din il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-ewwel Qorti. Iżda qabelxejn sejra tikkonsidra s-sottomissjoni tas-soċjetà appellata li qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tindaħal fl-apprezzament tal-provi magħmula minn qorti tal-ewwel istanza. Tissenjala li din għandha tkun ir-regola sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti kienet manifestament żbaljata fil-mod kif waslet għad-deċiżjoni tagħha, tant hu hekk li twassal ukoll sabiex tikkawża preġudizzju lil xi parti. Għalhekk jonqos lil din il-Qorti, ġaladarba mitluba, tirrevedi l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi u tistabbilixxi jekk hija setgħetx b'mod raġjonevoli tasal għall-konkluzjoni tagħha abbażi ta' dawk l-istess provi.

13. L-ewwel Qorti qabel ma kkunsidrat il-mertu tal-każ odjern, iċċitat estensivament minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, deċiża fis-27 ta' Frar, 2018, fl-ismijiet **Primitive African Art Limited *vs.* Henri Baudet et**, anki fejn sar riferiment dirett għal dawk id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 16 li jirregolaw l-istitut tal-mandat. Osservat li l-kawża tas-soċjetà appellata kienet saret abbażi ta' dawk id-dispożizzjonijiet, u għalhekk hija kienet ser tikkonsidra dak li kien ġie mitlub li jagħmel il-Bank appellant fid-dawl tagħhom. Għalhekk l-ewwel Qorti għaddiet sabiex stabbiliet il-kronoloġija tal-fatti kif ġraw. Sabet li meta fid-19 t'April, 2017, il-Bank appellant bagħat l-ewwel messaġġ tiegħu lil *Banco Santander* għal *recall* permezz ta' *SWIFT,* dan kien sigħat wara li s-soċjetà appellata kienet talbet li jsir dan, u saħansitra f'ħin meta l-banek kienu diġà għalqu n-negozju tagħhom tal-ġurnata.

14. Hawnhekk il-Qorti tosserva li meħud inkonsiderazzjoni l-kontenut tal-*email* li ntbagħtet mis-soċjetà appellata lill-Bank appellant, dan ma setax ma

kienx ferm konxju tal-urġenza tat-talba għal *recall.* Fl-imsemmija *email* li saret minn David Haber għan-nom tas-soċjetà appellata fil-ħin tal-14:31 tad-19 ta' April, 2017, lil Diane Attard u Nadine Azzopardi, impjegati mal-Bank appellant, ġie ddikjarat *"...we got to know that the account was not his, and the emails sent to us demanding payment were hacked, as we telephoned our supplier and he confirmed to us that he never in this past week demanded any payment or changed his bank details".*[1] Dan filwaqt li skont ix-xhieda tiegħu[2], huwa kien diġà kkomunika mal-imsemmija Diane Attard u Nadine Azzopardi aktar kmieni, fejn ġie mfisser dak li kien ġara u ġie assigurat li l-flus iġibuhom lura in vista tal-fatt li l-*value date* kienet l-20 t'April, 2017.[3]

15. Il-Qorti tosserva li min-naħa tagħha Diane Attard ikkonfermat fl-*affidavit* tagħha[4] li kien għall-ħabta tas-sagħtejn ta' waranofsinhar li hija kienet irċeviet telefonata mingħand David Haber fejn talab verbalment għal *recall*. Kien biss ftit minuti wara dik it-telefonata fil-ħin tal-14:31 li hija rċevejt *email* mingħandu tikkonferma formalment it-talba. Mid-dokument 'D' esebiet mill-istess David Haber[5], jirriżulta li min-naħa tiegħu l-Bank appellant kien eżegwixxa l-istruzzjonijiet għal *recall* fid-19 ta' April, 2017, fil-ħin tas-17:27 permezz tas-sistema *SWIFT,* fejn il-messaġġ ma ngħata l-ebda prijorità ta' urġenza kif jixhdu d-dettalji *"Priority/Delivery: Normal".* B'dana li kif jixhed id-dokument 'I' esebiet mix-xhud[6], għal xi raġuni Diane Attard kienet diġà ikkonfermat li seħħet it-transazzjoni fis-16:15 permezz ta' *email* fejn qalet

[1] Dokument 'I' *a fol.* 24.
[2] Seduta 17.01.18 *a fol.* 35.
[3] Ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Zammit, seduta 14.02.18.
[4] *A fol.* 67.
[5] *A fol.* 19.
[6] *A fol.* 24.

*"...payment has been recalled. Recall fee has been debited to the account".* L-ewwel Qorti osservat ukoll li fil-frattemp Diane Attard kienet bagħtet żewġ *emails* lill-impjegati tal-Bank appellant, fil-14:02, fejn infurmathom li kellu jsir *recall* u oħra fl-14:41.[7] Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Qorti tgħid li hawnhekk mill-ewwel jirriżulta li l-Bank appellant mexa b'mod negliġenti u naqas mill-obbligi tiegħu meta l-każ ma ġiex trattat bl-urġenza li kien jistħoqq, u dan indipendentement mill-fatt li *recall* mhux dejjem jirnexxi. Wara kollox dwar din il-kwistjoni Abigail Gauci, impjegata fil-*Payments Section* mal-Bank appellant, tgħid fix-xhieda tagħha[8] li madwar 80% tar-*recalls* jirnexxu.

16. Skont l-*email* li rċeviet is-soċjetà appellata mingħand il-benefiċjarju, li skont l-istess *email* ma kellu jkun ħadd ħlief Kraiem Walid[9], il-flus waslu fil-kont tiegħu s-Sibt 22 ta' April, 2017. Issa kif tosserva l-ewwel Qorti, il-messaġġi l-oħra tal-Bank appellant lil *Banco Santander* kienu kollha ntbagħtu permezz ta' *SWIFT* <u>wara</u> li l-flus kienu ġià għaddew lil bank tal-benefiċjarju. Tosserva wkoll li dawn il-messaġġi ma sarux b'mod persistenti u regolari sabiex il-bank appellant jiġbed l-attenzjoni għall-urġenza tal-każ. Din il-Qorti tikkonstata mingħajr l-ebda eżitazzjoni li għalhekk il-Bank appellant ma wera l-ebda ħeġġa u diliġenza sabiex jassigura li t-talba tiegħu għal *recall* tiġi eżegwita mill-aktar fis possibbli. Fl-24 t'April, 2017, jiġifieri <u>ħamest ijiem</u> wara li kienet ġiet ikkonfermata r-*recall* lis-soċjetà appellata, f'*email* interna tal-Bank appellant, l-impjegata Nadine Azzopardi ħadet l-inizjattiva u ssuġġeriet lid-dipartiment konċernat li jintbagħat *urgent reminder* għar-raġuni li *"customer is extremely*

---

[7] Ara *email* Dok. DA2 *a fol.* 70.
[8] Seduta 04.02.19.
[9] Dokument 'K' *a fol.* 26.

*worried given that hackers advised them that funds were received".* Jidher mill-*affidavit* tagħha[10] li l-ewwel *chaser* kienet intbagħtet internament fil-24 ta' April, 2017, u t-tieni waħda fis-26 ta' April, 2017, iżda kien hemm ukoll *reminder* lill-*Payments Department* fejn dawn qalulhom li l-bank korrispondent *Banco Santander* kien infurmahom li kien ikkomunika mal-bank tal-benefiċjarju *Wells Fargo Bank,* iżda ma kellux risposta. Kien hemm xi komunikazzjonijiet oħra, sakemm fis-17 ta' Mejju, 2017, il-Bank appellant ġie infurmat li skont *Wells Fargo Bank* ma kienx hemm flus fil-kont tal-benefiċjarju, u għalhekk ma setgħet issir l-ebda rifużjoni.[11]

17. Minn dan kollu jirriżulta, li kuntrarjament għal dak allegat mill-Bank appellant, is-soċjetà appellata ma tilfet l-ebda ħin sabiex ħadet azzjoni immedjata hekk kif hija ssuspettat li kien hemm frodi fit-talba għall-ħlas. Meta fisser it-tieni aggravju tiegħu, il-Bank appellant insista li kien hemm diversi *"red flags"* li s-soċjetà appellata kienet injorat u b'hekk kull azzjoni tagħha kienet waħda tardiva. Il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni l-punti msemmijin mill-Bank appellant, iżda ma ssibx li jistgħu jitqiesu li kellhom iqanqlu suspett raġjonevoli dwar it-transazzjoni mitluba, għaliex għall-kuntrarju ma kien hemm xejn irraġjonevoli fid-deċiżjoni tal-benefiċjarju li jbiddel il-kont bankarju jew li saħansitra jinsisti li għandu jsir il-ħlas ta' dawk il-provvisti li huwa kien għamel tliet xhur qabel f'Jannar 2017. Wisq anqas jista' jingħad li s-soċjetà appellata min-naħa tagħha naqset meta ma indagatx dwar ir-raġuni ta' dawn id-

[10] Dok. BNF1 *a fol.* 67.
[11] Ara wkoll l-*affidavit* ta' Nadine Azzopardi, *Administrative Officer* fil-*Corporate Banking Unit* tal-Bank appellant.

deċiżjonijiet, meħud inkonsiderazzjoni li l-benefiċjarju kellu kull dritt li jieħu dawk id-deċiżjonijiet skont id-diskrezzjoni tiegħu.

18. Dwar is-sottomissjoni tal-Bank appellant li s-soċjetà appellata naqset milli timmitiga d-danni kif kienet obbligata li tagħmel, u li kienet damet saħansitra aktar minn xahar qabel ma involviet lill-Pulizija u għamlet rapport, tirrileva li kien biss fis-17 ta' Mejju, 2017, li l-Bank Santander ikkomunika mal-Bank appellant fejn avżah li ma kienx hemm fondi fil-kont benefiċjarju[12], u l-għada l-Bank appellant informa lis-soċjetà appellata b'dan kollu. B'hekk ma tistax tqis li r-rapport lill-Pulizija li sar fl-24 ta' Mejju, 2017, kien wieħed tardiv.

19. L-istess argument dwar tardività min-naħa tas-soċjetà appellata, il-Bank appellant kien diġà ressqu quddiem l-ewwel Qorti. Is-soċjetà appellata mill-ewwel iddikjarat li l-argument ma kienx wieħed fondat għaliex kif osservat l-ewwel Qorti, *"il-mument li s-soċjetà attriċi ndunat, hija ħadet il-miżuri kollha neċessarji biex tinforma lill-bank konvenut biex jieħu azzjoni għal irkupru tal-flejjes".*

20. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravji tal-Bank appellat mhux ġustifikati u għalhekk tiċħadhom.

[12] Ara rapport *a fol.* 101.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-Bank appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk ta' dan l-appell ikunu wkoll a karigu tal-Bank appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**